

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Settembru 2007**  
— Document Security Systems vs Il-BĊE

(Kawża T-295/05) <sup>(1)</sup>

(“Unjoni Monetarja — Ħruġ ta’ karti ta’ flus ta’ l-euro — Allegat użu ta’ invenzjoni protetta bi privattiva intiża sabiex tipprevjeni l-falsifikazzjoni — Azzjoni għal ksur ta’ privattiva Ewropea — Nuqqas ta’ ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Prim’Istanza — Inammissibbiltà — Rikors għad-danni”)

(2007/C 269/85)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Document Security Systems, Inc. (Rochester, New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: L. Cohen, H. Sheraton, B. Uphoff, solicitors, u C. Stanbrook, QC)

**Konvenut:** Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: C. Zilioli u P. Machado, aġenti, assistiti minn E. Garayar Gutiérrez u G. de Ulloa y Suelves, Avukati)

**Suġġett**

Azzjoni għal dikjarazzjoni li l-BĊE kiser id-drittijiet mogħtija minn privattiva Ewropea tar-rikorrenti u talba għal kumpens għad-dannu allegatament sofrut mir-rikorrenti b’riżultat tal-ksur tal-privattiva.

**Dispożittiv**

- 1) L-azzjoni għal ksur ta’ privattiva hija miċħuda bħala inammissibbli.
- 2) Ir-rikors għad-danni huwa miċħud.
- 3) Document Security Systems, Inc. għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Bank Ċentrali Ewropew.

<sup>(1)</sup> ĠU C 229, 17.9.2005.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-7 ta' Settembru 2007**  
— González Sánchez vs L-UASI — Bankinter (ENCUENTA)

(Kawża T-49/06) <sup>(1)</sup>

(“Trade mark Komunitarja — Proċedura ta’ oppożizzjoni — Artikolu 63(4) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Nuqqas ta’ locus standi — Inammissibbiltà”)

(2007/C 269/86)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

**Rikorrent:** Francisco Javier González Sánchez (Madrid, Spanja) (rappreżentant: G. Justicia González, avukat)

**Konvenut:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Palmero Cabezas, aġent)

**Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord ta’ l-Appell ta’ l-UASI:** Bankinter, SA (Madrid, Spanja)

**Suġġett**

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta’ l-Appell ta’ l-UASI tas-16 ta’ Diċembru 2005 (każ R 1116/2005-2) dwar proċedura ta’ oppożizzjoni bejn Bankinter, SA u l-Confederación Española de Cajas de Ahorros.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Francisco Javier González Sánchez huwa kkundannat ibati l-ispejjeż kollha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 310, 16.12.2006.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta’ Awwissu 2007 — Offshore Legends NV vs L-UASI — Acteon [OFFSHORE LEGENDS (bil-kuluri iswed u abjad)]**

(Kawża T-305/07)

(2007/C 269/87)

Lingwa tar-rikors: Il-Franċiż

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Offshore Legends NV (Nevele, il-Belġju) (rappreżentanti: P. Maeyaert u N. Clarembeaux, avukati)